

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI

SEJĦA GĦAL PROPOSTI – EACEA/11/2009

Appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka u ta' riflessjoni dwar il-politika pubblika Ewropea u għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq livell Ewropew

Programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini", Azzjoni 2, Miżuri 1 u 2 – 2010

(2009/C 158/05)

1. GĦANIJIET U DESKRIZZJONI

Din is-sejħa għal proposti EACEA/11/2009 hija bbażata fuq id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini" li jipromwovi ċittadinanza attiva Ewropea għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm").

Il-Programm jikkostitwixxi l-bażi legali għal din is-sejħa għal proposti, u jirreferi speċifikament għall-azzjoni 2 "Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa", miżuri 1 u 2 "Appoġġ strutturali għal organizzazzjonijiet tar-riċerka u ta' riflessjoni dwar il-politika pubblika Ewropea u għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq il-livell Ewropew".

1.1. Obiettivi ġenerali tal-programm

Il-Programm huwa maħsub sabiex jikkontribwixxi għal dawn l-obiettivi ġenerali li ġejjin:

- (a) jagħti l-opportunità liċ-ċittadini biex jinteraġixxu u jieħdu sehem fil-bini ta' Ewropa dejjem aktar fil-qrib, demokratika u b'orjentazzjoni dinjija, magħquda u mseddqa permezz tad-diversità kulturali tagħha, b'hekk tiġi żviluppata ċ-ċittadinanza tal-Unjoni;
- (b) żvilupp ta' sens ta' identità Ewropea, mibni fuq valuri, storja u kultura komuni;
- (c) trawwim ta' sens ta' appartenenza għall-Unjoni Ewropea fost iċ-ċittadini tagħha;

- (d) tisħiħ tal-ftehim reċiproku bejn ċittadini Ewropej billi jiġu mħarsa u promossi d-diversità kulturali u lingwistika, filwaqt li jikkontribwixxi għal djalogu interkulturali.

1.2. Miri speċifiċi tas-sejħa għal proposti

Il-miri speċifiċi għal din is-sejħa għal proposti huma:

- (a) it-trawwim tal-azzjoni, tad-dibattiti u tar-riflessjoni marbuta maċ-ċittadinanza Ewropea u mad-demokrazija, mal-valuri, l-istorja u l-kultura kondiviżi permezz tal-attivitajiet u l-kooperazzjoni ta' 'think tanks' (strutturi ta' riflessjoni) u ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew;
- (b) it-tħeġġiġ ta' interazzjoni bejn ċittadini u organizzazzjonijiet fi ħdan is-soċjetà ċivili, permezz tal-kontribuzzjoni għal djalogu interkulturali u b'enfażi kemm fuq id-diversità kif ukoll fuq l-għaqda fl-Ewropa.

1.3. Prijoritajiet tematiċi

- Il-futur tal-Unjoni Ewropea u tal-valuri fundamentali tagħha,
- Ċittadinanza Ewropea Attiva – parteċipazzjoni u demokrazija fl-Ewropa,
- Djalogu interkulturali:
- Impatt tal-linji politiċi tal-UE fuq is-soċjetajiet,
- Il-benesseri taċ-ċittadini Ewropej, impjeg, koeżjoni soċjali u żvilupp sostenibbli,

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni Nru. 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006, (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32), kif emendata mid-Deċiżjoni Nru. 1358/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 350 tat-30.12.2008).

1.4. Deskrizzjoni tas-sejħa għal proposti

Din is-sejħa għal proposti tikkonċerna l-appoġġ strutturali, imsejjaħ "għotjiet operattivi", lil organizzazzjonijiet li jkunu qegħdin isegwu għan ta' interess ġenerali Ewropew. L-għotjiet operattivi jagħtu appoġġ finanzjarju sabiex tkun koperta parti mill-ispejjeż operattivi meħtieġa għat-tmexxija xierqa tal-attivita- jiet normali tal-organizzazzjoni magħżula.

Dan l-appoġġ jista' jingħata, skont ċerti kriterji, taħt forma ta' **għotja annwali** jew ta' **sħubija multiannwali**. Is-sħubija multiannwali hija mekkaniżmu ta' kooperazzjoni stabbilit bejn organizzazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżwali, u l-Kultura (minn hawn 'il quddiem l-Aġenzija eżekuttiva) li jagħti lok għal għotjiet speċifiċi. Fil-każ ta' din is-sejħa, din l-isħubija tista' tkun konkluża għal tliet snin.

2. APPLIKANTI ELIĠIBBLI

2.1. Organizzazzjonijiet

Sabiex tkun eliġibbli għal għotja operattiva, organizzazzjoni li jkollha għan ta' interess ġenerali Ewropew għandha tkun:

- (a) organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt u li għandha perso- nalità ġuridika; f'każ ta' netwerk li m'għandux struttura operattiva separata bi stejus proprju, l-applikazzjoni tista' tinbagħat mill-organizzazzjoni membru responsabbli mill- koordinazzjoni tan-netwerk;
- (b) topera fil-qasam taċ-ċittadinanza Ewropea, kif spjegat fl- istatut tagħha jew fid-dikjarazzjoni tal-missjoni tagħha u tikkorrispondi ma' waħda mill-kategoriji ta' organizzazzjo- nijiet li ġejjin:

Miżura 1:

- A. organizzazzjoniet Ewropej ta' riċerka u ta' riflessjoni dwar il-politika pubblika ('think tanks' - strutturi ta' riflessjoni).

Miżura 2:

- B. Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew:
 - Organizzazzjonijiet ċentrali (pjattaformi) Ewropej,
 - Netwerks Ewropej,
 - Organizzazzjonijiet li jiżviluppaw attivitajiet ta' impatt wiesa' fil-livell Ewropew,
- C. Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili marbuta mal- Memorja Ewropea
- D. Pjattaformi ta' organizzazzjonijiet pan-Ewropej.
- (c) twestaq il-maġġoranza tal-attivitajiet tagħha f'pajjiżi eliġibbli (ara punt 2.2).

Għal sħubija multiannwali, l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu stabbiliti legalment u b'personalità ġuri-

dika għal aktar minn **erba' (4) snin** (fil-15 ta' Ottubru 2009) f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli u jkollhom, għall-kate- goriji li ġejjin, din il-**kopertura ġeografika**:

- għal **organizzazzjoni ċentrali Ewropea** jew għal **network Ewropew, ikollhom membri f'ta' mill- inqas tmax (12)-il pajjiż eliġibbli**,
- għal **organizzazzjoni li tiżviluppa attivitajiet ta' impatt wiesa' fil-livell Ewropew, tkun attiva f'ta' mill-inqas tmax (12)-il pajjiż eliġibbli**.
- għal **Pjattaforma ta' organizzazzjonijiet pan- Ewropea, ikollha mill-inqas sitt (6) organizzazzjoni- jiet ċentrali** bħala membri u tiżgura, permezz ta' dawn, preżenza fis-27 **Stat Membru**.

Għal għotja annwali, l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu stabbiliti legalment u b'personalità ġuridika għal **aktar minn sena (1)** (fil-15 ta' Ottubru 2009) f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli u jkollhom, għall-kategoriji li ġejjin, din il-**kopertura ġeografika**:

- għal **organizzazzjoni ċentrali Ewropea** jew **network Ewropew, ikollhom membri f'mill-inqas tmien (8) pajjiżi eliġibbli**;
- għal **organizzazzjoni li tiżviluppa attivitajiet ta' impatt wiesa' fil-livell Ewropew, tkun attiva f'mill-inqas tmien (8) pajjiżi eliġibbli**.

Il-pjattaformi ta' organizzazzjonijiet pan-Ewropej jistgħu japplikaw biss fil-qafas ta' sħubija multiannwali.

Individwi u organizzazzjonijiet pubbliċi m'humiex eliġibbli għal din is-sejħa.

2.2. Pajjiżi eliġibbli

- (a) **I-istati Membri tal-Unjoni Ewropea**: il-Ġermanja, l- Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, Spanja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, ir- Renju Unit, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Iżvezja.
- (b) il-Kroazja
- (c) dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja
- (d) l-Albanija

3. AZZJONIJET ELIĠIBBLI

L-attivitajiet tal-organizzazzjoni applikanti għandhom jikkon- tribwixxu **b'mod tanġibbli** għall-iżvilupp u għall-implimentaz- zjoni tal-oġġettivi speċifiċi u l-prijoritajiet tematiki ta' din is-sejħa għal proposti. **Huma għandhom ikopru mill-inqas oġġettiv wieħed speċifiku u prijorità tematika fost daww imsemmija fil-punt 1.**

Il-programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni applikanti għall-2010 kif ukoll il-programm strateġiku ta' tliet snin (f'każ ta' sħubija multiannwali) għandhom ikopru l-attivitajiet statutorji tagħha, l-aktar il-konferenzi, is-seminars, il-laqgħat, l-azzjonijiet ta' rappreżentazzjoni, komunikazzjoni u evalwazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet l-oħrajn Ewropej rikorrenti tagħha.

Perjodu ta' eliġibbiltà

Kemm fil-każ ta' għotja annwali kif ukoll fil-każ ta' sħubija multiannwali, il-perjodu ta' eliġibbiltà għandu jikkorrispondi mas-sena baġitarja tal-applikant, kif muri mill-kontijiet iwwerifikati tal-organizzazzjoni. Jekk is-sena tal-baġit tal-applikant tikkorrispondi mas-sena kalendarja, il-perjodu ta' eliġibbiltà għandu jkun mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2010.

Għall-applikanti b'sena ta' baġit li tvarja mis-sena kalendarja, il-perjodu ta' eliġibbiltà għandu jkun il-perjodu ta' 12-il xahar mid-data tal-bidu tas-sena tal-baġit 2010.

4. Kriterji ta' aġġudikazzjoni

L-applikazzjonijiet konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' esklużjoni jiġu evalwati fuq il-bażi tal-kriterji ta' aġġudikazzjoni minn kumitat ta' evalwazzjoni sabiex jintagħżlu dawk li jistgħu jingħataw kofinanzjament.

Il-kriterji ta' aġġudikazzjoni li ġejjin se jkun applikati. Il-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi jammontaw rispettivament għal 80 u 20 % tal-marka attribwita. F'każ ta' sħubija multiannwali, tingħata l-istess importanza lill-programm ta' ħidma ta' 12-il xahar u lill-programm strateġiku ta' tliet snin.

4.1. Kriterji kwalitattivi (80 %)

Il-fatturi li ġejjin se jkun jgħu vvalutati:

- (a) Rilevanza għall-miri u l-prijoritajiet tal-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" (30 %);
- (b) Kemm il-programm ta' ħidma huwa adegwat, koerenti u sħiħ (20 %);
- (c) L-impatt tal-programm ta' ħidma (10 %);
- (d) Il-valur miżjud Ewropew (10 %);
- (e) Il-viżibilità tal-attivitajiet u t-tixrid u l-użu tar-riżultati fir-rigward ta' ċittadini Ewropej u partijiet oħrajn interessati (10 %).

4.2. Kriterji kwantitattivi (20 %)

Il-fatturi li ġejjin se jkun jgħu vvalutati:

- (a) In-numru ta' pajjiżi eliġibbli involuti fl-attivitajiet tal-programm ta' ħidma (10 %);

- (b) In-numru ta' benefiċjarji diretti potenzjali (10 %).

5. BAĠIT

Il-baġit previst għall-kofinanzjament tal-għotjiet operattivi huwa ta' madwar **8,2 Miljun EURO** fl-2010. L-Aġenzija Eżekuttiva bi ħsiebha tiffinanzja madwar **55** organizzazzjoni taħt din is-sejħa, iżda tirriżerva d-dritt fuq il-bażi tal-kwalità tal-applikazzjonijiet, li ma tużax il-fondi kollha disponibbli.

Bħala indikazzjoni, l-għotjiet ta' sħubijiet multiannwali se jirrappreżentaw madwar 85 % tal-baġit disponibbli u l-għotjiet annwali madwar 15 %.

L-appoġġ strutturali se jiġi aġġudikat skont il-parti 15.06.66 tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

6. DATA TAL-GĦELUQ GĦAS-SOTTOMISSJONI

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-fajls ta' applikazzjoni hija l-15 ta' Ottubru 2009.

L-Aġenzija eżekuttiva bħalissa qiegħda taħdem sabiex timplimenta sistema ta' sottomissjoni elettronika tal-applikazzjonijiet kollha.

Għal din is-sejħa għal proposti, l-applikanti għandhom jibagħtu t-talba tagħhom permezz ta' formola elettronika disponibbli mill-15 ta' Settembru 2009. Din il-verżjoni (inklużi l-annessi) hija kkunsidrata bħala l-verżjoni ewlenija. Qabel din id-data, l-Aġenzija eżekuttiva ttipponi verżjoni pdf tal-formola sabiex tagħti l-possibbiltà lill-applikanti li jibdeu iħejju l-fajl tagħhom.

Barra minn hekk, verżjoni fuq karta tal-fajl tal-applikazzjoni għandha tintbagħat bil-posta fl-indirizz li ġej qabel id-data tal-għeluq:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency
Unit P7
Call for proposals EACEA/11/2009
Avenue du Bourget 1 (BOUR 01/17)
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Jiġu aċċettati biss dawk l-applikazzjonijiet ippreżentanti l-forma xierqa, li jkun mimlija kif suppost, datati, u ffirmati mill-persuna awtorizzata li tidħol fimpenn li għandu rabta legali.

7. AKTAR TAGĦRIF

Il-linji gwida dettaljati għall-applikanti, kif ukoll il-formoli ta' applikazzjoni, jinsabu f'dan l-indirizz: http://eacea.ec.europa.eu/citizenship/index_en.htm